**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 21 – It-Tnejn 28 ta' Lulju fil-9.30hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-9.30hrs.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | is-Sinjura Magda magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr. Marc Sant | Kunsilllier |
| | Mr. Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

## 1. AFFARIJIET PENDENTI TAL-FESTA

1.1 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi fethet il-laqgha billi tkellmet fuq ir-rikjesta li ghamlu il-Kazin tal-Labour biex ikollhom forn barra ghal jiem tal-Festa

1.2 Dan il-forn ser ikun bir-roti u ser ikun jahdem bil-gas u mhux ta' l-elettriku. Dan il-forn huwa kbir ghaldaqstant m'huwiex ser joqghod fil-parapett u ser ikollu joqghod fuq il-bankina

1.3 Il-kunsill qabel li jaghti permess ghal dan il-forn bil-kundizzjoni li jekk ser jitpogga fit-triq jew fuq il-bankina, dan irid jitnehha meta taghddi il-prucissjoni

1.4 L-imwejjed u s-siggijiet ghandhom jitnehhew mit-triq ghal fuq il-bankina ukoll meta tghaddi l-purcizzjoni

1.5 Il-hlas ta' dan il-forn ser ikun bhal ta' kiosk tal-festa normali

1.6 Giet diskussa ir-rikjesta ta' Sur Mark Sciberras ghall-Kazin Tal-Banda San Pio X biex it-Triq Sir ugo Mifsud, quddiem il-Kazin tinghalaq mit-27 ta' Lulju sa dakinhar tal-Festa bejn is-6.30p.m. u 1.00a.m.

1.7 Il-Kunsill qabel ma' din ir-rikjesta bil-kundizzjoni li l-hinijiet biex tinghalaq it-triq ikunu bejn is-7.30p.m. u 12.00a.m. u ghal granet li ma hemmx attivita din it-triq ma tinghalaqx.

1.8 Giet diskussa ukoll rikjesta minghand Is-Sur Joseph Mangion ghal-Kamra tan-Nar.

1.9 Huwa qed jitlob zewg wardens biex joqghodu wiehed fuq u l-iehor isfel fejn il-kamra tan-Nar l-Iklin.

1.10 Is-Segretarja ghandha tinforma lill Kunsill ta' l-Iklin dwar dan u tibbukkja l-Wardens wara li tistabilixxi il-hinijiet.

1.11 Is-Segretarja ghandha tikkonferma mal-Pulizija li m'ghandux isir parking lejliet il-Festa fil-5 ta' Awwissu fit-toroq li ikunu maghluqin.

1.12 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi infurmat lill-Kunsilliera bil-quddiesa ta' l-ghaqdiet li ser issir nhar l-Erbgha 30 ta' Lulju 2014.

1.13 Il-kunsilliera kollha ser jattendu u ser jiehdu sehem.

## 2. SEJHA URGENTU GHAL PART-TIMER U FULL-TIMER GHAL KUNSILL LOKALI TA' HAL LIJA

2.1 Is-Sindku, Is-Sinjura Magda Magri Naudi qrat e-mail minghand id-Dipartiment fejn dawn qed jghidu li nistghu nimpjegaw *full-timer* u *part timer* (li voluntarjament tidhol is-Sibt).

2.2 Fuq is-sibtijiet, din l-e-mail tghid li ma tista timponi fuq hadd u d-decizjoni trid tigi minghand il-persuna b'mod volontarju

2.3 Dawn ghandhom ikunu impjegati back to back basis, bhala clerks it-tnejn scala 15.

2.4 Gie decis li s-Sinjura Dorianne Bonnici Bondin, li ila ghaxar snin taldem fil-kunsill, issa ghandha titla minn Scale 13 ghal Scale 11 bhala *Assistant Principal*

2.5 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issugerit li ghandhna nimpjegaw full timer biss u din tidhol is-sibtijiet

2.6 Imma is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li kienu jkun hekk, din trid tithallas ta' l-*overtime*

2.7 Filwaqt li l-kunsill kollha qabel li ghandna nibdew il-process biex nimpjegaw dawn is-zewg haddiema, il-Minority Leader Dr. Marc Sant issugerixxa li peress li dan il-process jiehu ftit taz-zmien mhux hazin, ghandha nistaqsu lid-Dipartiment biex naraw jistax jibghat lill-xi hadd temporanju (e.g. ghal xahrejn) u jkun lest li jahden is-sibtijiet ukoll.

2.8 Il-Kunsill kollhu qabel dwar dan, ghalhekk ghandha tinkiteb ittra lid-Dipartiment b'din ir-rikjesta.

## 3. HANDOVER UFFICCJALI MINGHAND L-A/SEGRETARJU EZEKUTTIV

3.1 Is-Sindku is-Sinjura Magda Magri Naudi infurmat lill-Kunsill li ghandha bzonn handover minghand l-ex a/Segretarju Ezekuttiv lis-Sindku il-gdid u lis-Segretarju l-gdid

3.2 Is-Sindku baqghet tispjega fuq l-imprtanza tal-hand over, bhal per ezempju fil-laqgha li l-Kunsill kellu mal-Ministru Buontempo, is-Segretarju l-gdid kellu jkun mal-kumplament tal-Kunsill f'din il-laqgha imma hadd ma kien jaf b'dan.

3.3 Il-Minority leader Dr. Marc Sant qal li dan irid isir b'deadline ezempju. xi erba gimghat

3.4 Id-deadlilne irid ikun imma peress li huwa iz-zmien li hu ta' vaganzi ma tistax taqta line u tghid erba gimghat.

3.5 Ghandha tinkiteb ittra lid-Dipartiment biex jigi approvat dan il-handover biex isir wara l-Festa ta' Hal Lija

3.6 Irid isir ukoll Interim Audit

## 4. ADJUDIKAZZJONI TAL-KWOTAZZJONIJIET Q03 TAR-REFUSE COLLECTION

4.1 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi spjegat l-*evaluation report* li kien baghat il-persuna imqabbad mill-Kunsill biex jaggudika it-tenders/kwotazzjonijiet.

4.2 Intefghu erba' kwotazzjonijiet, dik tal-Waste Collection Ltd, Ronald Bezzina, EM Environmental Ltd u Braydon Azzopardi

4.3 Kull min tefa' l-kwotazzjoni hlief ghal-Waste Collection kellhom dokumenti neqsin

4.4 L-Adjudikatur issugerixxa li ghalkemm Braydon Azzoprdi kellu xi dokumenti neqsin il-Kunsill ghandu jaccetta il-kwotazzjoni tieghu wara li jurina d-dokumenti nieqsa.

4.5 L-Agudikatur isugerixxa dan peress li dan is-servizz ser jinghata biss ghal xi xahar sakemm jigu agudikati it-tenders ghal dan is-servizz

4.6 Il-prezz ta' Braydon Azzopardi kienet l-irhas fosthom

4.7 Il-Kunsill qabel ma' l-Adjudikatur pero ghandha nitolbuh id-dokumenti neqsin

4.8 Il-Kunsilliera is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fit-tender ma ghandnix naghtu kas l-iskips peress li r-residenti tal-Housing Estate ma jriduiex aktar.

4.9 Qed jintrama hafna affarijiet hdejn l-iskip u iktar qed ikun hemm hmieg biha

4.10 Barra minn hekk mhiex qeda tindaf sewwa meta titbattal.

## 5. APPROVAZZJONI BIEX ISIRU LINJI SOFOR QUDDIEM NR 42 TRIQ GIOVANNI BARBARA STR

5.1 Ms Gilbert, residenta ll toqghod Triq Giovanni Barbara qed taghmel rikjesta ghal *double yellow lines* quddiem id-dar taghha, peress li hi ghandha blue sticker mhux dejjem issib il-paregg tad-disabled vojd u peress li ghandha gallarija baxxa I vanijiet jipparkjaw tahta li taghmilha facli li xi hadd jista' jidhol gewwa d-dar.
5.2 Ghandhom ukoll isiru double yellow lines hdejn it-traffic calmer minn naha tal-Knisja
5.3 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-yellow lines li ghandhom isiru fi Triq Agostino Portelli (Ta' Senna)
5.4 Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru fuq in-naha tal-lemin u ghandu jigi ikkuntatjat il-Kuntrattur biex dawn isiru mill-aktar fis possibli
5.5 Il-Kunsillier, is-Sur Massimo Scerri ressaq ilment minghand xi residenti ta' Massimiliano Deboni fejn dawn qed jitolbu *sleeping policeman* peress li l-ilma tax-xita kollhu qed jinzel ghandhom.

## 6. LAQGHAT

6.1 Is-Sindku, Is-Sinjura Magda Magri naudi issugerit li jisru diveri laqgha ma' l-ghaqdiet u residenti foshom mar-residenti f'Ta' Senna, ma' tal-football u ohrajn

**TMIEM**

Fil- 10.30a.m. intemmet is-Seduta

________________________ _________________________

l-Sinjura Magda Magri Naudi
Sindku

is-Sinjura Georgette Borg
Segretarju Ezekuttiv